# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 16**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1052/2017 JVC**

**Carmen Cassar Simmonds**
**u**
**Mary Doris Phyall**

**vs**

**Maria Assunta Grima**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors fejn ir-rikorrenti Carmen Cassar Simmonds et kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti huma eredi tad-defunt Carmelo Cassar skont it-testmenti tal-istess defunti, u cjoe' dak tal-5 ta' Lulju 2012 fl-Atti tan-Nutar Dottor Cory Greenland. Dan it-testment qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

2. Illi l-intimata hija wkoll eredi tad-defunt Carmelo Cassar u qed tirrifjuta li tersaq ghad-divizjoni tal-gid provenjenti mill-eredita' tal-imsemmi defunt. Ir-rikorrenti ma jridux jibqaw aktar in komunjoni mal-intimata u jridu li l-gid formanti l-eredita' tal-imsemmi Carmelo Abela jigi diviz skond il-ligi;

3. Illi l-intimata giet interpellata biex tersaq ghall-qasma tal-eredita' ta' Carmelo Cassar permezz ta' ittra legali 20 t'Ottubru 2016, Ittra Ufficjali datata 10 ta' Novembru 2016 u Ittra Legali ohra datata 11 ta' Settembru 2017, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, tghid l-intimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna skond il-ligi u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kontendenti huma l-unici eredi ta' Carmelo Cassar;

2. Tillikwida l-assi konjugali u assi ohrajn ta' Carmelo Cassar;

3. Tiddividi l-gid formanti l-wirt ta' Carmelo Cassar bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha, u ghalhekk tordna d-divizjoni tal-proprjeta' komuni ezistenti bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 2016, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Jannar, 2018 l-intimata Maria Assunta Grima giet dikjarata kontumaci minn din il-Qorti diversament preseduta.

Rat illi konsegwentement ghal dak il-verbal, ghalkemm gew esebiti xi provi dokumentarji u affidavits, ir-rikorrenti nfurmaw lil Qorti li kien hemm possibilta' ta' transazzjoni bejn il-partijiet u l-kawza baqghet f'dan l-istat sad-19 ta' Frar, 2019 tant li l-kaz dakinhar gie differit *sine die*.

Rat il-kontenut tar-rikors tar-rikorrenti datat 24 ta' April, 2019 minn fejn jirrizulta li l-mertu tal-kaz odjern gie ezawrit u li l-kontenzjoni rimanenti bejn il-partijiet kienet biss il-kap tal-ispejjez tal-kawza odjerna.

Rat illi fid-digriet taghha tat-3 ta' Mejju, 2019 din il-Qorti diversament preseduta appuntu rriappuntat il-kawza ghas-smigh sabiex issir trattazzjoni finali fuq il-kap tal-ispejjez u wara l-kawza kellha tithalla ghad-decizjoni.

Rat illi a fol. 55 sa 57 tal-process gew esebiti ittri nterpellatorji u ufficcjali mibghuta lill-intimata li permezz taghhom giet interpellata tersaq ghal ftehim dwar l-assi rimanenti fl-eredita' u dan qabel ma giet ntavolata l-kawza odjerna mir-rikorrenti. Nonostante dawn l-interpellazzjonijiet ir-rikorrenti kienu kostretti jifthu l-kawza odjerna kontra l-intimata.

Rat illi nonostante l-verbal taghha tat-3 ta' Ottubru, 2019, fl-atti ma giet esebita ebda nota dwar il-kap tal-ispejjez filwaqt li Dr Kenneth Cutajar ghan-nom tal-intimata fl-istess verbal iddikjara li kien qed jirrimettu ruhu ghal gudizzju finali ta' din il-Qorti.

Qieset li mill-atti jirrizulta evidenti li dak li wassal lir-rikorrenti sabiex jintavolaw il-kawza odjerna kienet ir-reticenza tal-intimata li tasal ghal ftehim fuq l-assi tal-eredita' tant li ma halliet l-ebda alternattiva lir-rikorrenti hlief li jintavolaw din il-kawza. Rat ukoll li ghalkemm il-kawza giet intavolata fis-sena 2017, l-intimata

ghazlet sahansitra li tibqa' kontumaci u l-kawza kellha tiehu mill-anqas sentejn sabiex tasal sal-punt li l-mertu jigi transatt izda l-kap tal-ispejjez baqa' ma giex transatt bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis li l-kawza odjerna saret unikament minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-intimata u hadd aktar u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi hija l-intimata li ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara ezawriti l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici, tordna li l-intimata ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**